TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 280/10

**Antonio Gauci**

**vs**

**Crosscraft Co. Ltd.**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Lulju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u wieħed u sittin ewro (€161), rappreżentanti *Hoover vacuum cleaner* li ma baqgħetx taħdem.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *Hoover vacuum cleaner* mingħand id-ditta intimata illi meta ġibed it-trab biha, din waqfet taħdem.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-ħsara li ġralha din il-*vacuum cleaner* hija minħabba li kellha l-filters imblukkati bi trab fin li jixbaħ ħafna lit-trab tal-ġebla tal-franka.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u spezzjona l-*vacuum cleaner* ukoll, jikkonsidra illi r-rikorrenti għamel użu ħażin minn din il-*vacuum cleaner*. Illi l-borża ma kinitx imwaħħla tajba u għalhekk għadda t-trab u weħel mal-filter, illi jidher li huwa mblukkat bi trab fin u għalhekk ikkawża l-ħsara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888